# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 26 t'April 2017

**Kawża Nru: 7**

**Rikors Ġuramentat Nru: 515 / 08 JA**

1. **Paul Camilleri;**
2. **Maria mart Joseph Abela;**
3. **Maria Grazia *sive* Grace, mart Paul Bonello**

**-vs-**

1. **Maria Concetta *sive* Cettina, mart Cristino Zahra;**
2. **Vincent Camilleri;**
3. **Joseph Camilleri;**
4. **John Camilleri;**
5. **Carmela *sive* Carmen, mart Salvatore Bonello bħala leġittimarja, għal kull interess li jista' jkollha u għall-finijiet tal-integrita' tal-ġudizzju**

# Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fil-21 ta' Mejju 2008 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-kontendenti huma lkoll ulied id-defunti Paul Camilleri u Maria Camilleri.

Illi missier il-kontendenti, Paul Camilleri, miet fil-5 ta' Frar, 2007 (*vide* Dok. 'A').

Illi omm il-kontendenti, Maria Camilleri, mietet fit-22 ta' Jannar 2008 (*vide* Dok. 'B').

Illi l-eredita' tad-defunti ġenituri tal-kontendenti, Paul u Maria, konjuġi Camilleri hija regolata bid-dispożizzjonijiet tat-testment *unica charta*, datat id-29 ta' Lulju, 2006 in atti Nutar Robert Micallef (*vide* Dok. 'C') u d-dispożizzjonijiet tat-testment *unica charta* addizzjonali datat l-14 ta' Settembru, 2006 in atti Nutar Robert Micallef (*vide* Dok. 'D').

Illi a tenur tad-dispożizzjonijiet testamentarji fuq imsemmija, il-kontendenti kollha, bl-eċċezzjoni tal-konvenuta Carmen mart Salvatore Bonello, ġew nominati eredi universali tal-ġid kollu tal-istess defunti, filwaqt illi l-konvenuta Carmen mart Salvatore Bonello tħalliet il-leġittima *portio*.

Illi fl-aħħar perjodu ta' ħajjiithom id-defunti ġenituri tal-kontendenti kienu għamlu żmien jirrisjedu mal-konvenuta Cettina Zahra u din kienet tamministra l-ġid tagħhom.

Illi l-istess konvenuta Cettina Zahra ġiet interpellata diversi drabi sabiex tagħti rendikont dettaljat tal-ġid kollu appartenenti lid-defunti ġenituri tal-kontendenti, inkluż ir-rikavat mill-bejgħ tal-fond 47, Triq Għeriexem, Rabat, mibjugħ bil-prezz ta' Lm14,000 permezz ta'

kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 21 ta' Diċembru, 2005, iżda l-istess konvenuta rrifjutat illi tagħmel dan u qalet illi tali somma flus ġiet lilha donata mill-ġenituri tagħha, allegazzjoni illi hija kontestata mill-atturi bħala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi wkoll, fost l-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tal-kontendenti, hemm ukoll żewġt ikmamar formanti parti mill-fond bin-numru 41, Victory Street, Rabat, liema żewġt ikmamar jinsabu fis-sular ta' fuq in-naħa tal-lemin malli titla' t-taraġ tal-imsemmi fond urban.

Illi il-kontendenti ma waslux fi ftehim sabiex jaqsmu bejniethom l-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tagħhom.

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu iżjed in komunjoni mal-konvenuti tal-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tagħhom Paul u Maria, konjuġi Camilleri u għalhekk qegħdin jistitwixxu dawn il-proċeduri.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) prevja kull dikjarazzjoni oħra *talvolta* meħtieġa u neċessarja tiddikjara illi l-atturi u l-konvenuti (b'eċċezzjoni ta' Carmela *sive* Carmen mart Salvatore Bonello) huma l-eredi universali u fi kwoti ndaqs bejniethom tad-defunti ġenituri tagħhom Paul u Maria, konjuġi Camilleri;

(ii) tillikwida l-assi ereditarji tad-defunti Paul u Maria, konjuġi Camilleri billi tiddikjara li jikkonsisti f'dak kollu li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, liema likwidazzjoni għandha ssir okkorrendo, bl-opera ta' perit/i nominandi;

(iii) taqsam u tiddividi l-assi ereditarji tad-defunti Paul u Maria, konjuġi Camilleri, hekk likwidat, f'seba' (7) ishma, indaqs u ta' valur ugwali.

(iv) tassenja lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti (b'eċċezzjoni ta' Carmela *sive* Carmen mart Salvatore Bonello) sehem wieħed (1) minn dawn is-seba' (7) ishma, okkorrendo, jekk ikun il-każ, permezz tas-sorteġġ;

(v) tordna, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tiddetermina u tiddeċiedi illi l-assi ereditarju tad-defunti Paul u Maria, konjuġi Camilleri ma jistgħux jinqasmu f'seba' (7) ishma indaqs u ta' valur ugwali, illi l-oġġetti mobbli u immobbli li ma jinqasmux formanti parti minn tali assi ereditarji jiġu mibjugħa in liċitazzjoni, b'dan li jkunu jistgħu jagħmlu offerti anke oblaturi estraneji, sabiex ir-rikavat minn tali bejgħ, magħdud mal-flus likwidi u flus li jiġu żbankati minn depożiti bankarji intestati f'isem id-defunti Paul u Maria, konjuġi Camilleri, jinqasmu f'seba' (7) ishma ndaqs u ta' valur ugwali, b'kull sehem minn dawn is-seba' (7) ishma jiġi assenjat lil kull wieħed u waħda mis-seba' (7) kontendenti (b'eċċezzjoni ta' Carmela *sive* Carmen mart Salvatore Bonello);

(vi) tinnomina nutar pubbliku sabiex jilqa' u jippubblika kwalsiasi kuntratt pubbliku ta' diviżjoni illi jista' jkun meħtieġ u neċessarju, jew kull kuntatt u / jew skrittura oħra *talvolta* meħtieġa u neċessarja konsegwenzjalment għall-ordinijiet mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

(vii) tipprefiġġi data, lok u ħin illi fihom għandu jiġi pubblikat l-att relattiv u / jew jiġu ffirmati dawk id-dokumenti u skritturi meħtieġa sabiex l-ordnijiet u l-provvedimenti mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha jingħataw eżekuzzjoni sħiħa u effettiva skont il-liġi; u

(viii) tinnomina kuraturi deputari sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq kwalsijasi att pubbliku jew skrittura *talvolta*, meħtieġa u neċessarja.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata (fol 39) tal-konvenuti ppreżentata fis-16 ta' Ġunju 2008, Maria Concetta Zahra, Vincent Camilleri, Joseph Camilleri u John Camilleri, fejn eċċepew is-segwenti:

1. Illi huma ma jopponux għad-diviżjoni tal-wirt tal-mejta ġenituri tagħhom Paul u Maria konjuġi Camilleri;

2. Illi huma jaqblu illi l-eredita' tal-mejta ġenituri tagħhhom hi regolata bit-testment *unica charta* tad-29 ta' Lulju, 2005 u tal-14 ta' Settembru, 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Robert Micallef;

3. Illi huma jaqblu wkoll li Carmen Bonello tħalliet il-*legittima portio*;

4. IIli kuntrarjament. għal dak sostnut mill-atturi, m'hemmx sostanzi immobbli fl-eredita' tal-mejta ġenituri tagħhom *stante* li ż-żewġt ikmamar formanti parti mill-fond 41, Triq ir-Rebħa, Rabat ġew mibjugħa lil Kristinu Zahra minn Tereza Camilleri u Pawlu Camilleri skond kuntratt tal-1 ta' Awwissu, 1979 fl-atti tan-Nutar Dr Alexander Sciberras Trigona kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'MCZ1';

5. Illi l-unika sostanzi fl-eredita' tal-mejta ġenituri Camilleri huma sostanzi mobbli li jiġu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi għar-rigward il-prezz mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond 41, Triq Għexierem, Rabat għandu jingħad illi l-flus li rċevew il-mejta ġenituri tagħhom mhumiex erbatax-il elf lira Maltija (Lm14,000) iżda ħdax-il elf lira Maltija (Lm11,000), u dan skond kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' bejgħ. Illi minn dawn trid titnaqqas it-taxxa kapitali u spejjeż oħra in

konnessjoni mal-istess kuntratt – *oltre* illi minn dawn il-flus Pawlu u Maria Camilleri ddonaw ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) lil Maria Concetta Zahra in rikonoxximent ta' dak kollu li l-imsemmija donatorja għamlet mal-mejta ġenituri tagħha per serviġi reżi sal-mewt tagħhom, u dan skond kuntratt ta' donazzjoni ta' flus tad-29 ta' Lulju, 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Robert Micallef (Dok 'MCZ2'). Illi *inoltre* b'kuntratt ta' donazzjoni ieħor bl-istess data l-konjuġi Camilleri iddonaw is-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) lil Kristinu Zahra u dan għal serviġi minnu reżi skond Dok 'MCZ3';

7. Illi mill-bilanc ta' dawn il-flus tħallsu l-funerali tal-ġenituri u spejjeż oħra konċernanti lilhom minħabba li kienu jbatu b'mard u kien jeħtieġilhom pilloli li kellhom jinxtraw u spejjeż oħra anċillari;

8. Illi Maria Concetta Zahra tiddikjara li l-unika flus li għad fadal x'jinqasam bejn l-eredi hi s-somma €1,690 u xi depożiti bankarji f'isem il-mejta ġenituri ekwivalenti għal ammont iżgħar;

9. Illi ma jeżisti ebda deheb fl-assi ereditarji tal-mejta ġenituri tagħhom *stante* li dan ġie mogħti mill-istess ġenituri lil diversi persuni fosthom ulied u neputijiet;

10. Illi għalhekk l-unika assi li hemm x'jinqasmu huma dawn il-flus imsemmija *stante* li l-mobbli ġew meħuda mir-rikorrenti mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-ġenituri u għandhom jitqiegħdu fil-massa ereditarja tal-mejta ġenituri wara li jiġu stmati u diviżi bejn l-eredi;

11. Illi l-mejta ġenituri kienu jgħixu ma' binthom l-intimata Maria Concetta Zahra għal dawn l-aħħar snin u hija kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħhom u kulma ġie mogħti mill-

ġenituri tagħha, ġie mogħti lilha in kompensazzjoni ta' serviġi minnha reżi li tant irrendiet serviġi li b'konsegwenza ta' tqandil u kuri oħra li rrendietilhom, hi sofriet minn *'slip disc'* u kellha tiġi operata darbtejn f'dahrha;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Illi jirriżulta mill-atti illi għalkemm debitament notifikata bir-rikors promotur (fol 69) il-konvenuta, Carmela *sive* Carmen Bonello għażlet li ma tippreżentax risposta ġuramentata.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluzi d-dokumenti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Il-Fatti

1. L-eredita' tad-defunti ġenituri tal-kontendenti, Paul Camilleri li miet fil-5 ta' Frar 2007 (Dok 'A' fol 6) u Maria Camilleri li mietet fit-22 ta' Jannar 2008 (Dok 'B' fol 7), għandha tinqasam skont id-dispożizzjonijiet tat-testment *unica charta* datat id-29 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-Nutar Robert Micallef (fol 27), u tat-testment *unica charta* addizzjonali datat l-14 ta' Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Robert Micallef (fol 33).

2. Jirriżulta mill-hawn fuq imsemmija testmenti illi l-kontendenti kollha, bl-eċċezzjoni tal-konvenuta Carmen mart Salvatore Bonello, ġew nominati eredi universali tal-ġid kollu tal-istess defunti, filwaqt illi l-konvenuta Carmen mart Salvatore Bonello tħalliet is-sehem riservat.

3. Skont it-Tielet Artikolu (fol 29) tat-testment l-attur, Paul Camilleri, kellu jagħti lid-defunti testaturi s-somma ta' mitejn

u tletin lira Maltin (Lm230), liema somma kienu għaddewha lil binhom b'titolu self.

4. *Inoltre* skont it-Tieni Artikolu tat-testment *unica charta* addizzjonali (fol 33) fir-rigward tal-konvenut, Vincent Camilleri t-testaturi ddikjaraw illi, *"… tali self u l-ħlas lura tal-istess jinsabu saldati pjenament u għalhekk huwa jrid u jordna illi l-imsemmi Vincent Camilleri ma għandux jrodd lura din is-somma fil-massa ereditarja u għalhekk huwa qiegħed jeskludi lill-imsemmi Vincent Camilleri mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni fil-massa ereditarja."*

5. B'mod partikolari l-atturi jagħmlu referenza għal: ir-rikavat mill-bejgħ tal-fond 47, Triq Għeriexem, Rabat mibjugħ bil-prezz ta' Lm14,000; fond kompost minn żewġt ikmamar formanti parti mill-fond bin-numru 41, Victory Street, Rabat; kif ukoll xi deheb.

6. Skont il-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon datat 21 ta' Diċembru 2005 (esebit a fol 35) il-fond 47, Triq Għeriexem, Rabat mibjugħ għall-prezz ta' Lm14,000.

7. *Inoltre* skont il-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr Alex Sceberras Trigona datat 1 ta' Awissu 1979 (Dok 'MCZ1' fol 42) żewġt ikmamar li jġibu n-numru 41, Victory Street, Rabat ġie mibjugħ lil Cristino Zahra (li jiġi r-raġel tal-konvenuta Maria Concetta *sive* Cettina Zahra) għal Lm150.

8. Skont kuntratt ta' donazzjoni ta' flus minħabba serviġi reżi fl-atti tan-Nutar Dr Robert Micallef datat 29 ta' Lulju 2006 (Dok 'MCZ2' fol 45), id-defunti Paul u Maria Camilleri taw ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) lill-konvenuta Maria Concetta *sive* Cettina Zahra.

9. Sussegwentement skont kuntratt ieħor ta' donazzjoni ta' flus minħabba serviġi reżi fl-atti tan-Nutar Dr Robert Micallef datat 29 ta' Lulju 2006 (Dok 'MCZ3' fol 51), id-defunti Paul u Maria Camilleri taw elfejn lira Maltin (Lm2,000) lil Cristino Zahra (li jiġi r-raġel tal-konvenuta Maria Concetta *sive* Cettina Zahra).

**Provi Attriċi**

10. Illi fl-affidavit tagħha l-attriċi **Grace Bonello** (fol 58) tistqarr illi r-raġel tagħha kien ta Lm300 lid-defunti sabiex jinxtara l-fond in kontestazzjoni, 47, Triq Għeriexem, Rabat iżda tammetti li ma sar l-ebda kuntratt ta' self / ricevuta f'dan s-sens. Hija kellha għal xi żmien prokura favuriha mill-ġenituri tagħha. Hija tikkontendi illi d-deheb ta' ommha kellu jinqasam u *inoltre* tikkontendi li ommha kellha Lm1,300 imfaddlin.

11. L-attriċi **Mary Abela** fl-affidavit tagħha (fol 61) tispjega illi l-ġenituri tagħha kienu jgħixu magħha għal xi żmien u ta' dan kienet tircievi Lm70 għal bżonnijiet tagħhom ta' kuljum. *Inoltre* t-tifla tagħha ġieli kienet tingħata Lm10 fix-xahar talli tgħin ukoll. Iżda wara xi żmien il-ġenituri tagħha telqu. Tagħmel referenza għad-deheb li kellha ommha.

12. L-attur, **Paul Camilleri** fl-affidavit tiegħu (fol 63) *inter alia* jixhed dwar id-disgwid li kien jeżisti mal-konvenuta, Cettina Zahra.

13. Xehed ukoll George Cremona mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li esebixxa żewġ dokomenti (Dok 'GC1' u Dok 'GC2' fol 141)

**Provi Konvenuti**

14. Illi min-naha tagħhom il-konvenuti esebew l-affidavits ta' ġirien ta' Cettina u Kristinu Zahra li essenzjalment kollha

xehdu fis-sens li l-imsemmija konjuġi kienu jieħdu ħsieb tal-ġenituri tal-kontendenti (Agostina Vella fol 190 – Dok 'RS1'; Rita Debattista fol 191 – Dok 'RS2'; Carmelo Debattista fol 198 – Dok 'RS6'); Giovanna Sapiano Dok 'RS7' – fol 199; Rose Schembri fol 200 – Dok 'RS8') u Josef Zahra fol 235 – Dok 'JZ1').

15. **Joe Camilleri** (fol 192 – Dok 'RS3') xehed illi l-ġenituri kienu għamlu xi żmien jgħixu flimkien ma' oħtu, Maria Abela u ta' dan kienu jitħallsu. Huwa jallega li dawn tkeċċċew minn magħhom. Wara marru jgħixu ma' oħtu l-oħra, Cettina Zahra u jispjega li hija u r-raġel tagħha kienu jieħdu ħafna ħsieb lill-ġenituri tagħhom. Huwa jgħid (fol 192) illi: *"matul ħajjitha ommi tatni xi Lm200 u par imsielet tad-deheb lil marti."*

16. **Maria Concetta Camilleri** (fol 194 – Dok 'RS4') ukoll xehdet illi l-ġenituri ta' żewġha kienu jgħixu ma' Cettina Zahra u żewġha u dawn tal-aħħar kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħhom. Hija tixhed (fol 194) illi: *"Darba, wara li miet missieri, omm żewġi tat lil żewġi John Lm200 fi flus kontanti u kienet tat par imsielet u salib tad-deheb lili."*

17. **John Camilleri** (fol 196 – Dok 'RS5') ikkonferma wkoll illi Cettina u Kristinu Zahra għamlu ħafna mal-ġenituri tiegħu. Jispjega (fol 196) illi: *"Naf li ommi tat id-deheb tagħha lill-aħwa kollha u lit-tfal tal-aħwa. Wara li miet missieri, ommi tatni Lm200 fi flus kontanti u kienet tat par imsielet u salib tad-deheb lil marti Maria Concetta."*

18. **Maria Concetta Zahra** (fol 207) tinsisti illi l-bejgħ tal-fond 47, Triq l-Għeriexem, Rabat sar għal Lm11,000 (fol 208) *"... kienu ġabru Lm11,000 u fil-fatt ħa Lm9,320 għax weħel Lm770 taxxa."* Tkompli tispjega f'dan ir-rigward (fol 208),

*"… il-ġenituri għamlu konvenju bil-prezz ta' Lm11,000 pero kien hemm klawsola li min kien se jixtri, seta' jiġi sostitwit b'ieħor. Fil-fatt hekk ġara u l-venditur biegħu Lm14,000. Il-ġenituri tiegħi daħħlu Lm11,000 mill-bejgħ ta' dan il-fond. (Dok 'AA4')"*[1] *Inoltre* dwar il-pensjoni tal-ġenituri tagħha tiddikjara (fol 209) illi: *"Il-ġenituri tiegħi kienu minn rajhom ituni dak kollu li kienu jieħdu bħala* pensjoni *biex nixtrilhom dak kollu li riedu u li kellhom bżonn. Kont nixtri l-ikel, mediċini, rigali ħlasijiet ta' tobba u infermiera u ngħid li ma tantx kien jibqa' mill-pensjoni ta' Lm150 fix-xahar, Lm52 tat-Teżor u xi Lm30 fix-xahar tal-mard."* Dwar id-deheb tixhed (fol 210) illi: *"Rigward id-deheb tal-ġenituri tiegħi, ma tantx kellhom pero' waqt ħajjet ommi, hi kienet tat kollox lin-neputijiet, u ċjoe' t-tlett ibniet ta' ħija Joseph Camilleri u lil martu; lit-tifla ta' ħija John Camilleri u lil martu; lili u lil ibni; u lil bint oħti Mary Abela."* Dwar il-flus kontanti (fol 210) tgħid illi: *"Ngħid li s-somma ta' €1,700 li kienu fil-pussess tiegħi meta mietu l-ġenituri tiegħi, kont ddepożitajthom il-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu li ppreżentajna fl-20 t'April 2010."*

19. Bħala dokumenti esebiet is-segwenti:

- Dok 'AA1' (fol 211) riċevuta tan-Nutar Pierre Falzon;
- Dok 'AA2' (fol 212) rendikont tal-ispejjeż li saru[2];
- Dok 'AA3' (fol 213) kuntratt fl-atti tan-Nutar Sciberras Trigona;
- Dok 'AA4' (fol 216) Notifika ta' Konvenju;

---

[1] Din il-Qorti tosserva illi dan id-dokument jirreferi għall-konvenju u mhux għall-att finali.

[2] Din il-Qorti tosserva wkoll li x-xhud tassumi li l-bejgħ sar għal Lm 11,000 (u mhux Lm 14,000 kif indikat fl-att finali); *Inoltre* hemm ħafna tgerfix bejn ammonti fl-Ewro u oħrajn bil-Lira Maltija għaldqstant jeżistu ħafna inkonsistenzi f'dan ir-rendikont.

- Dok 'AA5' (fol 217) riċevuta ta' Lm30 għall-funeral ta' Paul Camilleri.

- Dok 'AA6' (fol 218) riċevuta ta' Lm479.16 tal-funeral ta' Paul Camilleri.

- Dok 'AA7' (fol 219) riċevuta ta' €505.06 tal-funeral ta' Maria Camilleri.

- Dok 'AA8' (fol 220) riċevuta ta' €105 għall-irħam.

- Dok 'AA9' (fol 221) riċevuti maħruġa minn Precision Optical Ltd.

- Dok 'AA10' (fol 222) riċevuta ta' Dr Joseph Cassar għal Lm35.

- Dok 'AA11' (fol 223) riċevuta maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għal €80.60.

- Dok 'AA12' (fol 224) maħruġ mill-bank HSBC datat 22 ta' Jannar 2009 intestat f'isem Mrs Maria Camilleri li juri bilanċ ta' €260.62.

- Dok 'AA13' (fol 225) u Dok 'AA14' (fol 226) li skont l-affidavit tagħha stess (fol 209) *"... juru wħud mill-vizti li l-infirmiera kienet tagħmel għal ommi meta kienet għandi u li għal kull viżta kont inħallas Lm5 minn flus ommi."*

Illi waqt is-seduta miżmuma fit-23 ta' Marzu 2010 in subizzjoni Cettina Zahra *inter alia* spjegat (fol 101) illi:

*"**Dr Maria Azzopardi (MA):** Fit-2007. Sena u ftit, għax inbiegħ fit-2005 – il-kuntratt f'Diċembru. Issa dawk li qed ngħidu ħdax-il elf u mhux erbatax-il elf, x'sar minnhom?*

***Xhud Cettina Zahra (CZ):** Il-ħdax-il elf?*

***MA**: Għamilthom il-bank?*

***CZ**: Le.*

***MA:** Mela x'sar minnhom?*

***CZ:** Naqsu taxxi ta' fuq il- ... u il dan.*

***MA:** U iva, x'sar minnhom?*

***CZ:** Ħamest elef lili minnhom, elfejn lir-raġel, il-funeral, li jkollhom bżonn tal-mediċina ...*

***MA:** Ħamest elef u elfejn ta' x'hiex sinjura?*

***CZ:** Ħamest elef talli ħadt ħsiebhom. Tawhomli fil-ħajja.*
*...*

***MA:** Jiġifieri apparti dawn is-sebat elef inti kont tirċievi mija u ħamsin lira fix-xahar talli żżommhom.*

***CZ:** Eħe."*

20. **Christinu Zahra** miżżewweġ lill-konvenuta, Cettina Zahra fis-suċċint xehed (fol 227) illi huma dejjem ħadu ħsieb kull bżonn li kellhom il-ġenituri ta' martu.

Illi waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu, 2010 in subizzjoni *inter alia* xehed kif ġej (fol 110):

*"**Dr Maria Azzopardi (MA):** Jiġifieri hu kien għad fadal erbat elef, qed naqblu? Jekk hemm ħdax-il elf u tnaqqas is-sebat elef jibqa' erbat elef, qed naqblu?*

***Cristino Zahra (CZ):** Iva*

***MA:** Sewwa. Issa dawk l-erbat elef f'hiex intefqu?*

***CZ:** Funerali, u li konna nixtru; u fadal xi ħaġa minnhom.*

***MA:** Inti kellek il-prokura?*

***CZ:** Il-mara kellha.*

***MA:** Fadal xi ħaġa minn dawk il-ħdax-il elf qed tgħid? Fhimtek sew?*

***CZ:** Ehe*

***MA:** U fejn qegħdin dawn?*

***CZ:** Heq! Id-dar."*

21. **Josef Zahra** (fol 235 – Dok 'JZ1') li jiġi iben Christinu u Maria Concetta konjuġi Zahra xehed illi huwa flimkien mal-ġenituri tiegħu dejjem ħadu ħsieb in-nanniet tiegħu. Huwa spjega wkoll (fol 236) illi: *"9. Safejn naf jien ma tantx kellhom deheb in-nanniet tiegħi. Lili n-nanna kienet tatni ġiżirana tad-deheb u Lm500 talli kont inqatta' l-ħin magħha u nieħu ħsiebha. Naf ukoll li tat xi deheb ieħor lill-kuġini."*

22. Waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2013 xehdu Dr Joseph Cassar u n-Nutar Robert Micallef.

Għalhekk lill-Qorti jirriżultalha li kulma baqa' mill-wirt in kwistjoni huwa r-rikavat mill-bejgħ imsemmi, ossija l-prezz ta' Lm11,000 ġja' msemmi. Minn dawn kif issemma tħallsu Lm7,000 bħala donazzjoni lill-konvenuta Zahra u żewġha bħala kumpens għas-serviġi resi. Concetta Zahra zammet il-flus għandha u ddepożitat *circa* €1,570 il-Qorti. Dan fil-fehma tal-Qorti mhux suffiċjenti. Baqa' żgur *circa* Lm4,000 u għalkemm tħallsu l-funerali hija kienet iżżomm il-pensjoni tal-ġenituri tagħha u kwindi kien hemm biżżejjed flus biex dawn jitħallsu. Għalkemm il-Qorti għandha d-dubji serji tagħha fuq l-atti ta' donazzjoni msemmija, ma hemmx talba għan-nullita' tagħhom u għalhekk se tħalli mpreġudikati l-eventwali drittijiet tal-partijiet fir-rigward.

Għalhekk peress li l-partijiet kollha (eċċetto l-konvenuta Bonello li għandha dritt għall-porzjoni riservata) għandhom $^{1}/_{7}$ mill-wirt hija għandha tagħti lill-partijiet l-oħra s-somma ta' Lm530 (€1,234.57) u Lm285 (€663.87) lil Bonello.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fejn applikabbli u tordna lill-konvenuta Zahra tħallas lill-partijiet kollha s-somma ta' €1,234.57 (elf, mitejn u erbgħa u tletin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu) kull wieħed, u lill-konvenuta Carmela Bonello s-somma ta' €663.87 (sitt mija u tlieta u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu).**

**L-ispejjeż jitħallsu f'ishma ndaqs bejn il-kontendenti kollha (ħlief għal Carmela Bonello li in kwantu għandha dritt għall-porzjoni riservata m'għandha tinkorri ebda spejjeż.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** **Mario Debono**
**Imħallef** **Deputat Reġistratur**